L-Akkumpanjament fl-Iskrittura Mqaddsa

Fl-Iskrittura Mqaddsa, it-tema tal-akkumpanjament hija waħda rikka hafna u li ghandha sfumaturi varji. Forsi kull paġna tal-Iskrittura hija mżewqa b'kunċetti, aktar jew anqas qawwija, li jittrattaw xi forma ta' akkumpanjament. Kultant hija preżenza fi vjaġġ (il-mixja fid-deżert sal-wassla fl-Art Imwiegħda); jew preżenza fissa (fit-Tempju f'Ġerusalemm – Salm 46); kif ukoll il-ġirja ta' Alla lejn il-poplu tiegħu kif naraw fil-Ktieb ta' Eżekjel: il-glorja ta' Alla timxi lejn il-Babilonja biex hu jiltaqa' mal-poplu tieghu fil-jasar. Però nsibu wkoll forom oħra ta' akkumpanjament, u l-ħin huwa qasir wisq biex dawn jiġu ttratati kollha. Hawnhekk, nillimita ruħi għal xi eżempji partikolari.

L-antropologija biblika Lhudija tara l-bniedem bħala entita waħda li jikkonsisti f'ġisem (*bāśār*) u ruħ (*nephesh*) li jmorru flimkien. Ma setax ikollok ruħ mingħajr ġisem. Nisimgħu f'Ġenesi 2,7: "il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu fi mnifsejh *nifs il-ħajja,* u l-bniedem sar ħlejqa ħajja." Iżda kien hemm ukoll element ieħor li għandu konnotazzjoni aktar spiritwali. Dan huwa l-ispirtu (*rûaḥ*) li ġej minn Alla u li hu jista' jerġa jieħdu:

> Ġenesi 6,3 U l-Mulej qal: "Ma tibqax ruħi (*rûḥî*) aktar fil-bniedem għal dejjem, għax, laħam hu; u jkunu jiemu ta' mija u għoxrin sena."

Ma ninsewx li dan kien żmien meta l-ħajja ta' dejjem bilkemm kienet diskussa. Però, din is-silta turi li l-ħsieb ewlieni ta' Alla kien li jgħammar dejjem mal-bniedem permezz tar-*rûaḥ* tiegħu. Barra minn hekk, il-Ktieb tal-Ġenesi jurina wkoll il-ħsieb divin li r-raġel ikollu sieħba *biex tkun miegħu*: "U l-Mulej Alla qal: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" (Ġenesi 2,18). Dan huwa prinċipju fundamentali fl-iskema tal-ħolqien. Il-kumplimentarità tas-sessi maskili u femminili hija orjentata biex tegħleb il-kundizzjoni tas-solitudni fis-sens negattiv tal-kelma. Il-proġett uman li bih Alla iggarantixxa l-kontinwità tal-ispeċi tagħna kien imfassal f'qafas li jiddependi fuq l-akkumpanjament tar-raġel u l-mara fil-ħajja intima tagħhom.

Alla ma farfarx idejh għax issa daż-żewġ bnedmin setgħu jehdew b'xulxin. Hu stess kien jinżel jippassiġġa magħhom, kunċett straordinarju meta wieħed iqis li spiss, fir-reliġjonijiet tal-Lvant Qarib Antik, l-element tal-biża mill-allat kien wieħed reali għaliex kien diffiċli biex wieħed jagħraf il-moħħ tagħhom.

Wara l-waqgħa fid-dnub, il-mod kif il-ġrajjiet tal-Pentatewku jiżvolġu juru preokkupazzjoni partikolari tal-awtur sagru – dik li tiġi emfasizzata l-qdusija ta' Alla. Għaliex Alla huwa qaddis u l-bniedem huwa midneb, kien neċessarju li tiġi

żviluppata sistema ritwali li kienet tikkategorizza kemm wieħed jista joqrob lejn dak li huwa sagru. Alla ried jimxi mal-bniedem, iżda l-bniedem kellu jkun konxju tal-fatt li ma setax jidħol fil-preżenza tiegħu kif ġie ġie. Huwa għalhekk li hemm it-theddida tal-mewt għal dawk li joqorbu lejh, jew lejn il-muntanja Ħoreb, jew imissu l-Arka tal-Preżenza, mingħajr ma jkunu ħejjew ruħhom. Għalkemm Alla mexa mal-poplu tiegħu u għammar fosthom, il-poplu Lhudi ma kellu qatt jieħu din il-preżenza *for granted*. Huwa minħabba din il-loġika li l-Kardinal Albert Vanhoye, fi ktieb tiegħu fuq Gesù l-qassis il-kbir tagħna, jgħid li fit-Testment il-Qadim, is-saċerdozju kien jiġi mogħti b'rigal għas-*separazzjoni* li wieħed kien iżomm mill-midinbin. Dan kien li ġara fil-każ tal-Leviti kif ukoll f'dak ta' Fineħas: ġew mogħtija s-saċerdozju għax qatlu lil dawk li ma għobdewx il-Liġi ta' Alla.

> "Ulied Levi għamlu kif qalilhom Mosè. Dak in-nhar inqerdu mill-poplu tlitt elef ruħ. Mosè qal: 'Illum intom ikkonsagrajtu rwieħkom għax kontu kontra t-tfal tagħkom u kontra l-aħwa tagħkom; u ġbidtu llum il-barka fuqkom.'" (Eż 32:28-29)

Mill-banda l-oħra, Ġesù kien jagħmilha wkoll ma dawk ta' reputazzjoni mhux tant tajba. Saħansitra ġie msejjaħ "ħabib tal-pubblikani u l-midinbin" (Matt 11,19; Lq 7,34). Kif nisimgħu fl-Ittra lil-Lhud:

> "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu." (Lhud 4,15)

Naħseb li huwa għalhekk li fl-Awstralja hemm knisja li hija msejħa *Matthew's Party*. Tirreferi għall-mistednin ta' Levi li għamel festa meta Ġesù sejjaħlu biex jimxi warajh. Nistgħu nkunu ċerti li sħab Levi ma kenux mit-tip li jħaffru l-għatba tas-sinagoga. Safrattant, magħhom qagħad Ġesù u magħhom iċċelebra.

Din id-differenza bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid tinħass anke fil-mod kif Alla kien jimmanifesta ruħu lin-nies. Il-glorja tal-Mulej, is-*sh$^{e}$ḵînāh*, kelma li ġejja mill-verb *shāḵan*, "huwa jgħammar", kienet tintwera b'fenomeni tal-biża: id-daqq tat-tromba, il-ħsejjes, u s-sinjali teofaniċi oħra tal-preżenza ta' Alla. Ilkoll niftakru x-xena tal-Muntanja Ħoreb li kienet triegħed bil-preżenza ta' Alla fuqha. Imbagħad, meta Ġwanni jsemmi l-inkarnazzjoni ta' Ġesù fil-prologu tiegħu (1,14), juża kelma relata, *skēnoō* ("jiena ngħammar"), b'konnotazzjonijiet qawwija ta' umiltà. Fil-fatt, Ġesù bilkemm indunaw bih; saħansitra niesu stess ma laqawhx. Minkejja hekk, il-miġja tiegħu kellha l-iskop aħħari li jwaħħadna ma' Alla, kif naqraw fl-Apokalissi: "U smajt leħen qawwi ġej mit-tron jgħid: 'Din

hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom'" (Apok 21,3).

L-akkumpanjament jidher b'mod ċar fil-kuntest tal-vjaġġ. L-aktar wieħed klassiku huwa ndubbjament dak lejn l-Art Imwiegħda fejn Alla mexa mal-poplu tiegħu mill-jasar tal-Eġittu. Dan huwa wkoll issimbolizzat fil-pellegrinaġġ lejn it-tempju tal-Mulej, fejn wieħed jagħmel esperjenza ta' Alla. Dan il-pellegrinaġġ huwa possibbli biss jekk Alla jkun li jiġbed lill-bniedem lejh. Huwa għalhekk li, f'Salm 43, is-salmista jitlob lil Alla biex jibgħat id-dawl tiegħu u s-sewwa tiegħu, biex dawn l-għajnuniet divina iwassluh sa ħdejn Alla. Barra mill-kuntest liturġiku, id-dawl ta' Alla, anzi d-dawl ta' wiċċu, kien meqjus ukoll bħala l-mezz militari li bih hu kien jagħti rebħa lill-poplu tiegħu. F'Salm 44, ir-rebħa fil-battalja mhix attribwita għas-saħħa umana jew il-kapaċità militari, iżda purament għall-preżenza ta' Alla magħhom li kien joħroġ magħhom għall-gwerer.

Aktar tard fl-istorja tal-poplu Lhudi, meta bdew jifhmu li l-għadu veru mhux sempliċiment xi nazzjon barrani iżda spirti ħżiena, naraw il-vjaġġ tal-anġlu Rafel ma' Tobija li fih jiġi mkeċċi Asmodew li kien qed jimpedixxi li ż-żwieġ ta' Sara jiġi kkunsmat. Hawnhekk naraw kif dan l-akkumpanjament ta' Alla permezz ta' Rafel kien wieħed li jinvolvi battalja spiritwali u wassal biex Tobija u Sara jilħqu l-għan ta' hajjithom. Nifhmu għalhekk, li l-akkumpanjament mhuwiex biss preżenza ma' xi ħadd, iżda spiss jinvolvi battalja spiritwali li mingħajra wieħed jibqa jagħżaq fil-vojt.

Fil-kuntest tagħna bħala knisja missjunarja li toħroġ, tajjeb li nsemmi kumment li xi ħadd għamel fuq Eżekjel 47. L-ilma li joħroġ minn taħt l-għatba tat-tempju jibda baxx ħafna, iżda aktar ma wieħed jitbiegħed mit-tempju, aktar ma jiżdied l-għoli u l-qawwa tal-ilma. Għax dan l-ilma huwa sinjal tal-grazzja ta' Alla, naraw li din il-grazzja tiżdied u titqawwa aktar ma wieħed jitbiegħed mit-tempju biex jaqdi l-ministeru tiegħu. Fi kliem ieħor, meta nimirħu biex infittxu lil dawk li huma l-aktar il-bogħod mill-Mulej, il-grazzja tiegħu li takkumpanjana hija daqstant akbar biex isseħħ fihom il-konverżjoni meħtieġa minnhom.

Ġesù jwasslilna din il-grazzja enormi meta jitbiegħed mit-tempju tas-sema biex jiġi għandna. Ġwanni jgħidilna li "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (Ġw 1,18). "għarrafhulna" – bil-Grieg tfisser li għamlilna eseġeżi tiegħu, ħarġilna fil-berah il-misteru ta' Alla. Huwa dak li għamel f'mument aktar lokali u speċifiku fil-vjaġġ tiegħu lejn Emmaws ma' żewġ dixxipli. Għalhekk, l-akkumpanjament mhuwiex biss wieħed ta' ħelsien u konverżjoni, iżda wkoll wieħed ta' tagħlim u approfondiment fil-misteru ta' Alla.

Meta mistoqsi dwar il-messaġġ prinċipali tal-Bibbja Lhudija (li hija kważi l-ekwivalenti tat-Testment il-Qadim tagħna), ir-rabbi famuż Abraham Joshua Heschel qal li l-Bibbja turi li Alla jieħu lill-bniedem bis-serjetà. Ma nistax nimmaġina x'kien jgħid kieku kien jemmen li Alla sar bniedem bħalna biex dik il-mixja ta' filgħaxija li kien jimxi mal-bniedem fil-Ġnien tal-Eden ikompliha għal snin twal mal-bniedem fil-persuna ta' Ġesù u permezz tal-Ispirtu Qaddis tiegħu li janima lil-knisja tal-bidu b'mod straordinarju.

Huwa u jikkummenta fuq il-ġrajja ta' Żakkew, Padre Ermes Ronchi jieqaf fuq il-kelma "jeħtieġli", fil-kliem ta' Ġesù "jeħtieġli niġi għandek". Jgħid li Alla jrid jiġi, biex ifittixni, biex joqgħod miegħi. Huwa bżonn profond tiegħu. Jixtieqni aktar milli nixtiequ jien stess. Jiġi minħabba bżonn li għandu f'qalbu, għax imbuttat minn nar u min xewqa anzjuża. Alla jonqsu xi ħaġa, jonqsu Żakkew, tonqsu l-aħħar nagħġa, nonqsu jiena. "Jeħtieġli niġi għandek" – mhux biss bħala daqsxejn ta' tappa fil-vjaġġ, xi vista ta' korteżija, imma jrid "jieqaf", jieħu l-ħin kollu li hemm bżonn, għax dar Żakkew mhijiex tappa tal-vjaġġ iżda d-destinażżjoni.[1] L-istess jiġri fir-rakkont ta' Emmaus fejn il-Mulej jieqaf jistrieħ mad-dixxipli.

Lura għat-Testment il-Qadim, hemm grupp ta' Salmi (42–83) li jissejħu is-Salterju Eloħistiku (Elohistic Psalter) għax l-isem Elohim (Alla) huwa aktar rikorrenti mill-isem divin YHWH (*'ădōnāy,* Mulej). Fuqu r-rabbini kkummentaw li, waqt li l-isem YHWH huwa sinjal tal-viċinanza ta' Alla, l-isem Elohim jikkonota sens ta' distanza. Huwa għalhekk fatt konsolanti li l-Ktieb tas-Salmi jibda u jagħlaq b'salmi li l-aktar juzaw l-isem YHWH, cioè dak li juri li l-Mulej huwa viċin. Dawn huma żewġ gruppi ta' salmi li jgħannqu dak Eloħistiku mix-xellug u mil-lemin b'tali mod li għandhom l-ewwel u l-aħħar kelma.

Fil-qalba tas-Salterju Eloħistiku, it-tieni kollezzjoni tas-Salmi ta' David (51–72) jippreżentaw lil David bħala mudell eżemplari ta' individwu sofferenti li jirrappreżenta lill-poplu ta' Alla li qed jesperjenza l-Eżilju fil-Babilonja. Huwa fil-Babilonja li Alla nħass partikolarment distanti. Però naraw li fil-bidu nett kif ukoll fl-aħħar ta' dal-grupp insibu karba davidika li titlob lil Alla jibqa' viċin:

> Salm 51,13 La twarrabnix minn quddiemek; tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
> Salm 71,9 Twarrabnix meta nasal għax-xjuħija; titlaqnix meta tħallini saħħti.

Is-Salterju joffrilna diversi modi oħra ta' kif persuna tista' sserraħ moħħa mill-akkumpanjament ta' Alla. F'Salm 23, per eżempju, is-salmista jinqeda saħansitra

[1] Ara http://www.lachiesa.it/calendario/omelie/pages/Detailed/57939.html

b'teknika poetika biex juri kemm Alla huwa viċin tal-bniedem. Jibbilanċja l-vrus b'tali mod li l-frażi "inti miegħi" (*'attāh 'immādî*) taqa' eżattament fin-nofs tal-komposizzjoni u hija ċ-ċentru numeriku tas-salm.

Imma l-Mulej imur lil hinn minn hekk… il-preżenza tiegħu mhux biss tinsab fl-Art Imwiegħda, f'territorju qaddis, izda tmur sahansitra fil-qalba tal-ħażen u d-dlamijiet li tagħhom kienet il-Babilonja: f'Eżekjel, il-glorja ta' Alla timxi lejn il-Babilonja biex hu jiltaqa' mal-poplu tiegħu fil-jasar. Jidher ċar li dal-vizzju, il-Mulej ma ħelisx minnu! Fil-fatt, Gesù jidħol f'art mniġġsa biex hemm, fl-aktar post reliġjożament mudlam – jiġifieri qalb l-oqbra f'ċimiterju – huwa joqrob lejn imxajtan imsejken, jaffronta armata ferm numeruża ta' spirti ħżiena, u jbiddel il-ġrajja ta' dan ir-raġel.

Ta' kuljum nitolbu kif għallimna l-Mulej: "la ddaħħalniex fit-tigrib". Il-kelma "ddaħħalna" ġejja mill-Grieg *eisphérō* li tfisser "li ġġorr fi" ("to carry into"). Salm 126 jagħti immaġini simili ta' Alla meta, b'mod indirett, jirreferi għalih b'dal-mod – ninnotaw li fil-Lhudi jintuża' s-singular, mhux il-plural:

> "Huma u sejrin, imorru jibku, iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ.
> Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, iġorru l-qatet f'idejhom." (Salm 126,6)

B'hekk, Alla huwa deskritt bħala dak li jġorr il-poplu tiegħu fid-dieqa ġewwa l-Eżilju, u li jġibu lura bil-ferħ lejn l-Art Imwiegħda. Bl-istess mod, anke jekk "la ddaħħalniex fit-tigrib" tidher stramba għax donnu Alla huwa nvolut fit-tiġrib tagħna, huwa ċar li hu qiegħed magħna anke f'dak il-mument, għax huwa hu stess li qed iġorrna!

Jekk tkellimna fuq kif Alla akkumpanja lill-poplu tieghu b'diversi modi, nistghu naraw ukoll il-modi kif dan il-poplu kompla jesprimi dan l-akkumpanjament divin b'gesti simbolici sinifikanti. Ħutna l-Lhud għadhom sa llum jilbsu t-*tephîllîn*, il-kaxex żgħar mqiegħda fuq ir-ras u fuq id-dirgħajn li fihom tinsab il-kelma ta' Alla li b'hekk takkumpanja lil dak li jemmen. Fuqhom insibu l-forom tal-kelma Shadday, li tfisser Alla Setgħan, u li b'hekk huma jsejħu ismu fuqhom. Fil-fatt, fl-Iskrittura Mqaddsa, l-isem li jiġi msejjaħ fuq xi ħadd ifisser li dik il-persuna tappartjeni għal min għandu dak l-isem. Huwa għalhekk li, fl-aħħar tal-barka saċerdotali ta' Aaron, il-Mulej jgħid: "Hekk huma jsejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom."

Fl-aħħar ftit sekli qabel Kristu, it-twemin fil-qawmien għall-ħajja beda jidher fuq ix-xefaq. Il-poplu li kien jemmen bis-sħiħ li *'ădōnāy* kien dejjem miegħu fuq din l-art, u li kien jimlieh bil-barkiet tiegħu mis-sema, beda jifhem li Alla jimxi mal-bniedem mhux biss għal dawn is-sebgħin jew tmenin sena fuq l-art. Beda jinfetaħ

għall-għarfien li din il-ħbiberija, dan l-akkumpanjament, ma jiqafx fil-mument meta wieħed ma jistax joffri aktar qima lil Alla tiegħu, iżda jkompli lil hinn mill-qabar. F'Salm 49, l-awtur jgħid li l-mewt tmexxi lill-għonja lejn il-qerda tagħhom u tiffanga fuqhom. Iżda jagħmel ukoll stqarrija li Alla għad jifdilu ruħu minn id Sheol. Fi kliem ieħor, waqt li donnu l'id ta' Sheol tiġbed in-nies lejha, Alla jaħtaf lis-salmista wara l-mewt tiegħu biex ma jispiċċax hemm iżda jintlaqa' mill-Mulej. "Hu jilqagħni", jgħid b'ċertezza. Il-kelma "jilqa'", partikolarment f'dan il-kuntest tas-Salterju, għandha konnotazzjonijiet matrimonjali.

Il-kliem li Mosè kien qal lil Ġożwe jgħodd għalina wkoll: "Il-Mulej jimxi quddiemek, hu jkun miegħek; ma jħallikx u anqas jitilqek; la tibżax u la taqtax qalbek" (Dewt 31,8) Iżda waqt li Ġożwe kellu jdaħħal il-poplu fl-Art Imwiegħda, aħna nafu li l-akkumpanjament li l-Mulej joffrilna, u li aħna għandna noffru lill-oħrajn, għandu l-Ġenna bħala d-destinazzjoni aħħari tiegħu.

Hija għalhekk xi ħaġa straordinarja kif il-miġja ta' Ġesù qalbet kollox ta' taħt fuq. Fil-Ktieb ta' Ġożwe, Alla kien qallu: "Ħadd ma jiqaflek kemm iddum ħaj. Bħalma kont ma' Mosè hekk inkun miegħek; ma nħallikx [ma nabbandunakx], ma nitilqekx." (Ġoż 1,5) Huwa kuntest fejn il-poplu kien se jidħol biex jikseb l-Art Imwiegħda. Mill-banda l-oħra, l-awtur tal-Ittra lill-Lhud juża l-istess wiegħda ta' Alla – ma nħallikx, ma nitilqekx – biex juri kemm il-preżenza ta' Alla f'ħajjitna għandha teħlisna mill-kilba għal dak li huwa ta' din l-art. Din ir-rabta li Alla għandu magħna narawha wkoll fil-kliem ta' Ġesù, l-Immanuel (Alla magħna), fil-Vanġelu skont Mattew fejn iwiegħdna li jkun preżenti meta ninġabru f'ismu u li jibqa magħna sal-aħħar taż-żmien.

Dan il-kunċett tal-preżenza u tal-fedeltà ta' Ġesù lejna jitkellem fuqha Hans Urs von Balthasar f'kumment ferm interessanti li jagħmel fuq Rumani 14,7-8.[2] Hawnhekk San Pawl jgħid hekk: "Għax ħadd minna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih innifsu. Jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej; jekk immutu, immutu għall-Mulej. Sew jekk ngħixu, mela, sew jekk immutu, aħna tal-Mulej." Von Balthasar jispjega kif, f'kuntest soċjali fejn kienu jeżistu l-iskjavi, jekk wieħed kellu skjav, dan kien utli għalih diment li kien ħaj. Meta mbagħad kien imut, sidu kien sempliċiment iħallih jinfired minn miegħu. Però Ġesù mhux hekk! Sew jekk ngħixu u *sew jekk immutu*, aħna tal-Mulej. Fi kliem ieħor, Sidna Ġesù jibqa' fidil lejna, jibqa' jqisna tiegħu, jibqa' jeżerċita s-setgħa tiegħu fuqna biex isalvana. Akkumpanjament lil hinn mill-mewt sa ma jwassalna f'dik li hi darna tassew.

L-aktar forma sublimi ta' akkumpanjament probabbli hija l-espressjoni fejn Alla jixxennaq li l-bniedem ikun miegħu u meta hu jitlobna li jixtieqna

[2] Hans Urs von Balthasar, *You have the Words of Eternal Life*.

nakkumpanjawh. Naraw kuntrast kbir bejn is-salmista li qal li "jum wieħed fit-tempju tiegħek aħjar minn elf jum f'post ieħor" (Salm 84,11) u Duweg li fuqu jingħad: "Dak in-nhar kien hemm wieħed mill-qaddejja ta' Sawl miżmum quddiem il-Mulej li kien jismu Duweg l-Idumi, l-aqwa fost ir-rgħajja ta' Sawl." Wieħed jixxennaq biex ikun mal-Mulej, l-ieħor iħossu miżmum quddiemu qisu ta' bil-fors, donnu mqanżah, jagħtih il-fdal.

Meta, fi Ġwanni 1,39, żewġ dixxipli ta' Ġwanni riedu jkunu jafu Ġesù fejn kien joqgħod, "Hu weġibhom: 'Ejjew u taraw.' U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta tal-għaxar siegħa." Hawnhekk, dawn baqgħu miegħu, iżda snin wara, fil-mument l-aktar solenni tal-ministeru tiegħu fuq din l-art, fil-ġnien tal-Ġetsemani, Ġesù "ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom: 'Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi.' Ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin; u qal lil Pietru: 'Mela ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi?'" (Matt 26,37-38.40). Li Ġesù jitkarrab għall-konsolazzjoni hija xi ħaġa tal-iskantament. Hija xewqa li huwa esprima lill-mistika Gabrielle Bossis (kif naqraw fil-ktieb *He and I*) meta qallha: "If you do not go deep into your inner stillness, you deprive me."

Fid-dawl ta' dak li semmejt qabel dwar il-kumment ta' von Balthasar fuq Ġesù li jibqa' fidil lejna anke fil-mewt, nisimgħu l-kliem ta' Ġesù stess dwar dan il-mument tant solenni fil-ħajja tagħna: "Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, *fejn inkun jien, tkunu intom ukoll*" (Ġw 14,2b-3). Ġesù jsalvana mhux biss biex aħna ngawduh, iżda wkoll biex igawdina hu. Huwa akkumpanjament reċiproku fejn l-akkumpanjat/a għandhom ukoll ħafna x'joffru lil Dak li qed jakkumpanjahom. Dan huwa l-lingwaġġ tal-imħabba, kif insibu fl-Għanja tal-Għanjiet, fejn l-għarusa titlob lill-għarus: "Qegħedni bħal siġill fuq qalbek, siġill fuq driegħek". B'hekk hija tistqarr ix-xewqa, mhux biss li tintrabat miegħu f'għaqda dejjiema, iżda wkoll li tkun sinjal viżibbli ta' din l-għaqda.

Stefan M. Attard
17.11.2022